**KUNSILLLOKALI NADUR**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**Għaxar (10) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Tlettax (13)**

**L-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025**

**Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-1:00 p.m.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Rebecca Vella | Kunsillier |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**13.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kienet skużat l- Ambaxxatur taż-żgħażagħ, Kaitlyn Vella.

**13.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILLLOKALI NADUR

Il-Minuti tal-Ħdax il-laqgħa (11) tal-Erbgħa 19 ta' Frar u tat-tnax (12) laqgħa b'urgenza tal-Ħamis 20 ta' Marzu ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 11 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Kevin Curmi u Sekondant- Rebecca Vella .

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjeġati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

**13.3. Informazzjoni dwar sitwazzjoni finanzjarja.**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw update fuq l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet il-bank u l-compliance audit.

Il-Kunsill bhalissa għaddej bil-Compliance u Financial Audit.

Ser issir il-Claim tal-Milied u tal- Karnival taħt l-iskema DLG u tal-Karnival taħt skema MGOP.

**13.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

*Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.*

- Sindku :- Dawl fi Triq tad-Duru (dan irid isir dawl fil-belvedere), Jitranġa bidu ta' sqaq fi Triq ir-Ramla, Sement ma' bankini f'diversi toroq, Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma, Jitranga bridge li jagħti fl-għelieqi ta' San Blas, Rampa biex titranga fi Triq San Gakbu, Give way fi Triq Daħlet Qorrot, Arbli ġodda ta' l-iskola, Pilastru tal-ġebel f'Daħlet Qorrot, Rampa ġdida fi Triq Rakela Camilleri, bankina biex titranga fi Triq San Koronatu, Titranga bankina fi Triq Xandriku.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILLLOKALI NADUR

- Viċi Sindku :- Niktbu rigward is-servizz tad-drenaġġ fi Triq il-Qortin, Yellow lines fi Triq Daħlet Qorrot, ħajt tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-Qadima, tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru, Bullard fi Triq it-Tiġrija u tinbidel siġra fil-Pjazza.
- Avv.Rebecca Vella :- Speed limits fi Triq il-Qortin.
- Eucharist Camilleri :-Sinjali sofor fi Triq San Koronatu.
- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma, Rampa biex titranga fi Triq Wied Bingemma u l-qasma ta' ħdejn iċ-ċimiterju, Rampa sement grunju u bankina madum.

Updates mill-Kunsilliera:

Sindku:

- Is-Sindku ta update fuq it-Torri ta' Kenuna. Il-Kunsill ħa deċizzjoni li area tingħalaq għal pubbliku minħabba konsenturi. Il-Kunsill informal il Go plc u MGOP u ser ikun hemm laqgħa magħhom.
- Is-Sindku u l-Kunsillier Eucharist Camilleri taw update fuq is-servizz tas-Saħħa. Eucharist ser jerga ikellem lil Arċipriet u lit-tabib.
- Is-Sindku ta' update fuq CCTV's. Dawn lesti u kien hemm qbil li tizdied CCTV oħra ħdejn fejn ikun il-palk fi Ġnien il-Kunsill bl-ammont ta' madwar euro vat mhux inkluz.
- Ħargiet Kulturali Anzjani- Ser tiġi pjanata l-ħarġa ta' Mejju f'Malta.
- Ċirkulari - *Info chat whatsapp* b'informazzjoni għar-residenti, Teens Group u Kunsill tat-Tfal. Din ser titqassam lil resident tan-Nadur.
- AED fil-playing field tal-Ħali ser isir minn naħa ta' MGOP u l-Kunsill kemm jinstalla pannella. Kien hemm qbil fuq il-pannella.
- Charter Stary- Ser jattendu Semira Grech u Rachel Portelli.
- Ħarġa kulturali tfal year 5- Kien hemm qbil li din isir Ħad-Dingli fejn il-Kunsill tan-Nadur għandu iffirmar ta' ħbiberija.
- L-Arbli l-ġodda ser jiġu daqt installati fl-iskola Primarja Nadur.
- Sports l-attivita' issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u l-Football. Kien hemm qbil li jingħata l-ilma, medalji u tined minn naħa tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILLLOKALI NADUR

Kevin Curmi:

- Il-Viċi Sindku ser jidħol laqgħa online rigward l-fondi tal-EU.

Dr. Rebecca Vella

- Kunsill Tfal- Il-Kunsilliera Dr. Rebecca Vella kienet qed tmexxi fuq din flimkien mas-Sindku.

Eucharist Camilleri

- Ta update fuq il-laqgħat tac-Charter – Delegazzjoni gewwa Luxembourg 3-7 ta' Lulju 2025.

Kien hemm qbil li jattendu s-Segretarju Ezekuttiv, Eucharist Camilleri l-ħlas tagħhom ikun imħallas minn naħa tal-Kunsill skond id-Direttiva 3/2021.

Maria Finger, Raymond Vella, Maria Victoria, Rachel Bonello u Rebecca Bonello. Dawn ser iħallsu huma l-ispejjez.

Jean Paul Portelli

- Ta update fuq il- Wirja Agrarja 2025 u ikkonferma r-Ramaxka.

13.5 Korrispondenza

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Ittra mingħand l-Għaqda Xandriku rigward it-traffiku f'din it-Triq fi zmien il-Festa. Ma kienx hemm qbil dwar it-talba tagħhom.

Ittra mingħand Dun Salv Grima dwar forma ta' tifkira ta Dun Karm Attard. Ma kienx hemm qbil li isir għalissa minħabba finanzi u talbiet oħra. Il-Kunsill ser jinforma lil Knisja jistax jagħmel tip ta' tifkira minn naħa tagħhom.

E mail mingħand AKL dwar biex jitħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma ġewwa l-uffiċċini tal-Kunsill u biex jinġabru l-ID cards. Ma kienx hemm qbil fuq il-Kontijiet minħabba l-load tax-xogħol li ga għandu l-kunsill u dan qed jiġi ga offrut fil-posta tan-Nadur. Kien hemm qbil biss fuq l-ġbir tal-ID cards mill-Kunsill.

Talba mingħand l-Għaqda tas-Sigar għal għodda. Kien hemm qbil.

Talba mingħand resident fi Triq Grunju għal vending machine. Il-Kunsill m'għandu l-ebda oġġezzjoni fuq il-post.

Talba għal kollaborazzjoni ta' l-attivita' 'At the Cross'- Kien hemm qbil li jkun hemm kollaborazzjoni bl-ammont ta' 250euro.

Talba mill-Parroċċa għal Kcina fis-Sala Parrokjali. Kien hemm qbil li bhalissa le.

Talba mingħand Jason Camilleri għal kollaborazzjoni ta' kunċert. Kien hemm qbil ta' kollaborazzjoni bl-ammont ta' 150 euro.

Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas is-sala parrokjali għal provi tad-danza tal-karnival hilarious bl-ammont ta' 150euro.

Talba ta' Esibizzjoni mingħand Toni Ann Costanzo Muscat fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li aktar il-quddiem naraw magħha x'hemm bzonn fid-dettall.

12.6 Offerti Pubblici.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILLLOKALI NADUR

Offerta Tal-playing field tal-Ħali (Slide) – Is-Sindku ta update fuq l-proġett.

9.7 Progetti u skemi:

SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja-Komunitajiet Aktar Siguri u Orġanizzati – x-xogħol lest.

Skema LESA (Latrina San Blas) – Ix-Xogħol ser jibda u l-ħsieb li jiġi inawġurat f'Novembru 2025. Ser ikun fuq dan il-proġett il-Kunsillier Eucharist Camilleri flimkien mas-Sindku.

SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Ser jagħlaq il-*Procurement* daqt. Fuq il-Proġett ser tkun Dr. Rebecca Vella flimkien mas-Sindku. Maħsub li jiġi inawġurat f'Settembru 2025.

EU Funds – GAGF – Rejuvination – Ġnien il-Kunsill- Ser jiġi iffirmat kuntratt mall-kuntrattur u jinbeda x-xogħol. Fuq il-Proġett ser ikun il-Viċi Sindku Kevin Curmi flimkien mas-Sindku. Il-Ħsieb li jiġi inawġurat wara l-Festa 2025.

Traffic management -Din ser jieħu ħsieb il-Viċi Sindku, Kevin Curmi flimkien mas- Sindku ma TM.

EU Funds – GAGF – Rejuvination – Qiegħed fl-istadju tal-Procurement.

EU Funds – Twinning – Ser jingħata update wara l-laqgħa online.

Skema TM- l-applikazzjoni ġiet approvata, nistennew minn TM ħabba buses.

SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 /2026- Il-Kunsill ser japplika għal Karnival Spontanju 2026.

SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 – Il-Kunsill ser japplika.

SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025 – Il-Kunsill ser japplika għal l-attivitajiet tal-Milied u tizjien toroq. Kien hemm qbil ukoll għal parade.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Proġett Pjazza – Is-Sindku ta update tal-proġett tal-Pjazza.

9.8 Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:

25 sena Gemellagg ma Cicciano- Ser jaħdmu Presepju tal-okkazzjoni il-Kunsillier Jean Paul Portelli, flimkien ma Josef Camilleri u Charles Said. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ser jitħallas minn naħa tal-Kunsill skond id-direttiva. Josef Camilleri u Charles Said ser iħallsu l-ispejjez huma. Kien hemm qbil fuq dan.

Figolli għall-Ghid – Kien hemm qbil li jinxtraw il-figolli lit-Tfal wara l-irxoxt u ghall-Anzjani tad-day centre.

Kien hemm qbil li isir attivita' fit-Torri Sopu fis-Sajf.

Summer Courses – Kien hemm qbil li jsiru jekk ikun hemm interess dawn il-korsijiet:- Fitness, modelling, presepji, bizzilla, arts u mosaic.

Summer Gigs – Dawn ser ikunu minn naħa ta' MGP fix-xhur tas-sajf fil-Pjazza.

Wine Fest – Kien hemm diskussjoni fit-tul. Ġie diskuss ukoll l-entertainment.

Halloween – Kien hemm qbil li s-shelter jingħata lil għaqdiet u l-ewwel priorita' dawk li hadu sehem is-sena l-oħra u jekk ma jridux tieħu Għaqda oħra. Il-Kunsill mhux ser joħroġ flus isir kollox minn naħa tal-għaqda.

Milied – Kien hemm diskussjoni fuq l-entertainment u ġie maqbul li jsir parade minn Annette Portelli Said fi Triq Diċembru 13th għal Pjazza.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILLLOKALI NADUR**

Nadur 10K – Sponsors ser ikunu Garmin u ser ikun hemm oħrajn ġodda din is-sena.

Ġieħ in-Nadur – Kien hemm diskussjoni fuq fejn jista isir. Ser naraw fuq options u tiġi diskussa f'laqgħat li ġejjin.

Karnival: post mortum- Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq way forward għal vetturi u karrijiet għas-sena d-dieħla. Kien hemm qbil li isir ukoll public consultation u li jintalbu fondi lil MTA. Ġie maqbul ukoll li ma jistax jinxteħtu affarijiet minn fuq il-karrijiet li qed ikunu ta' periklu għan nies. Ġie maqbul ukoll li nar ma jistax jintuza l-anqas (bbq's). Dan il-ħin tqajjem ukoll il-punt fuq kif jintgħazlu l-gruppi għal Karnival Orġanizzat. Kien hemm qbil li hilarious ikunu biss tan-Nadur.

Mnarja:

Kien hemm qbil li jiġu applikati fuq l-iskema tar-Regjun żejt taż-żebbuġa li jingħata lil parteċipanti tal-Wirja Agrarja.

Il-festa tat-Tfal ser isir fis-19 ta' Gunju. Kien hemm qbil li isiru bubble shows u games għat-tfal.

L-Ikla Tradizzjonali- Ġie diskuss l-entertainment.

Kollaborazzjoni- Kien hemm qbil li ssir laqgħa għal l-għaqdiet kollha fuq kollaborazzjoni 2025 u triq il-quddiem. Il-Kunsill qabel ukoll li ma jsir l-ebda kollaborazzjoni għal entertainment ta' ikliet u fundraising tal-għaqdiet.

13.9. Materji Ohra:

Intalbet pjanta tal-Pjazza mingħand il-Perit Robert Grech li kien fuq il-proġett tal-Pjazza minħabba l-applikazzjoni ta' Andria.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Open Street Market- Kien hemm qbil li l-bejjiegħa iħallsu l-permess u 25 euro kull sitt xhur għal l-indafa.

13.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;

13.10.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:-

- Talba biex jitranġa ħajt f'passaġġ ħabba li qed jaqa'.
- Talba għal lasktu ma' kantuniera fi sqaq ta' Ħida minħabba li qed jintlaqat mill-karozzi.
- Nirranġaw bankini ta' ħdejn il-Gebuba u Andria fil-Pjazza.
- Isiru kaxxi ta' parkings fi Triq Karlu Zimech.
- Talba għal Yellow lines fi Triq San Koronatu ma' garage.
- Talba għal bricks f'passaġġ Triq ir-Ramla
- Titranga tappiera fi Triq il-Knisja.
- Talba għal madum fi Sqaq San Blas (madum biss).
- Tabelli tal-klieb u ħmieġ.
- Diversi repaints.
- Ħajt biex jitranga tal-Ħatar.

13.10.2. Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi:-

- Talba għal double yellow lines fi Triq il-Plier- ser tintbgħat lil TM.
- Talba għal double yellow lines fi Triq Kav. Guze Camilleri- ser naraw qabel fuqhom.
- Lapida f'Daħlet Qorrot biex titnaddaf- Ser naraw fuqha.
- Talba biex jitnaddaf passaġġ tal-bdiewa u jitranġa- Ser naraw qabel fuqu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

13.10.3. Rikjesti mingħand il-Kunsilliera Avv. Rebecca Vella:-

- Talba biex isir railing fil-Monument tal-Karnival- Dan ga ġie diskuss fil-passat u ma jistax isir.

13.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri-

- Talba għal bankijiet fi Triq Old Ramla Road.
- Tabelli to preserve Victorian- sovridentenza

13.10.5. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Jean Paul Portelli-

- Tabella do not enter on grass ħdejn monument tal-Karnival.
- Talba biex jingħalaq ħajt fil-ground tal-football minħabba bar. Ser naraw qabel.
- Talba għal tazzi għall-kollaborazzjoni mall-Kunsill – Shoot Out. Kien hemm qbil u ser jintuzaw tazzi zejda li hemm il-Kunsill ta' diversi attivitajiet.
- Talba għal sinjali sofor ma' garage fi Triq ta' Said.
- Talba għal tabella ta' Cuppi area minħabba Għar Mixta. Din ma kienx hemm qbil li isir.
- Talba biex jitranġa passaġġ bit-turba  ta' Vnuta.
- Talba biex jitranġa ħajt – Ma kienx hemm qbil peress li mhux fil-konfini tan-Nadur izda tal-Qala.

**13.11 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fl-4:30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILLLOKALI NADUR**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva